**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 333/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 44**

**Malta Microfinance Limited (C61916)**

**Vs**

**El Roziqi Matroud Khalid Mohammed Abdullah**
**(Karta tal-identita' 28576A)**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Awwissu, 2016, illi permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand l-konvenut fl-ammont ta' elfejn mitejn u disghin ewro (€2,290) dovuta mill-konvenut kwantu self li s-Socjeta' attrici ghamlet lill-konvenut liema self kien minghajr imghax.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici Sinjorina Christine Leiman (hija kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u s-Socjeta' attrici ddikjara li ma ghandhiex aktar provi u u ghalhekk it-Tribunal ddiferixxi l-kawza ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talbiet attriċi u jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, mitejn u disghin ewro (€2,290) u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elfejn mitejn u disghin ewro (€2,290) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**